# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 16 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 21.**

**Citazz. Nru. 1787/00 JRM.**

**SUNCREST HOTELS p.l.c.**

**vs**

**MICRO TRAVEL & TOURISM LIMITED.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elf disa' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u hames centezmi (Lm1944.05) prezz ta' akkomodazzjoni fis-Suncrest Hotel, il-Qawra liema addomodazzjoni s-socjeta' attrici pprovdiet fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta;

Illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt illi giet diversi drabi nterpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' konvenuta talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' elf disa' mija u erbgha u erbghin lira u hames centezmu (Lm1944.05);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2000 kontra s-socjeta' konvenuta, ir-rappresentant ta' liema socjeta' f'proceduri gudizzjarji hu minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirruzulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi **billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi** tigi kkundanna lis-socjeta' konvenut thallas lis-socjeta' attrici l-

imsemmija somma ta' elf disa' mija u erbgha u erbghin lira u hames centezmi (Lm1944.05) u bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2000 kontra s-socjeta' konvenuta.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**16, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16, ta' Novembru, 2000.**